MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1453/2002/1

**John u Jacqueline Ronayne**

**vs**

**Dennis Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju, 2002 fejn intalab li l-konvenut jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati fil-vettura IAS-556 proprjeta` ta' l-atturi, u dan meta fit-12 ta' Novembru, 2001, f'Marsascala, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura AAL-458 b'manjera perikoluza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' l-imsemmija vettura ta' l-atturi minnu misjuqa, u kkagunalhom danni li ma jeccedux l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-8 ta' Frar, 2002, tas-survey report u konsult, u bl-interessi sal-hlas effettiv, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' l-attur John Ronayne, li f'daqqa wahda u minghajr l-ebda pre-avviz irriversja fuq il-vettura misjuqa mill-esponenti, u b'hekk ikkaguna l-habta;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' John Ronayne, Jacqueline Ronayne, Joseph Zammit u Dennis Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Novembru, 2001, fi Triq Zonqor, Marsaskala, bejn il-vettura IAS-556 misjuqa mill-attur u l-vettura AAL-458 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-attur qed jghid li hu kien wieqaf meta grat il-kollizzjoni, filwaqt li l-konvenut qed jghid li dan kien miexi u qed iregga' lura.**
**3. Minn valutazzjoni tal-fatti jirrizulta li tassew l-attur kien wieqaf fil-mument tal-kollizzjoni, u dana jinsab korroborat minn mart l-attur Jacqueline Ronayne. L-attur kien waqaf biex inizzel lill-mara u lit-tifla, pero` zamm il-magna mixghula. Jirrizulta pero` li l-attur ma kienx wieqaf mal-bankina, izda kien qiesu tul ta' bieba il-barra mill-bankina. Ma jirrizultax li l-attur kien qed jirriversja kif qed jallega l-konvenut.**
**4. F'dan il-kuntest it-Tribunal ma jistghax jaccetta l-versjoni li ta l-konvenut li jghid li kien ghaddej b'xi 30kfs, pero` definittivament kien ghaddej b'velocita` akbar ghalkemm mhux esagerata, pero` mhux addattat ghal meta qed tiehu kantuniera u ma tafx**

**x'ser issib ma wiccek. Li kieku tassew l-attur kien ghaddej b'velocita` ta' 30kfs, la ma kien ikun hemm twerziq ta' tyres, l-impatt ma kienx ikun tant qawwi kif fil-fatt kien, u l-istess konvenut kien ikollu hin bizzejjed li jiehu mizuri evasivi sabiex ma jsehhx l-incident, gjaladarba hu jghid li ra lill-attur l-ewwel darba meta kien circa ghoxrin pied il-boghod minnhu. Pero` ghandu jinghad ukoll li definitivament il-konvenut ma kienx ghaddej b'xi velocita` qawwija, ghax wiehed ghandu jiehu kont tal-vettura li kien qed isuq il-konvenut, ossija Landrover, u li kieku l-velocita` kienet esagerata l-konsegwenzi kienu ikunu ferm aktar.**

**5. Dwar il-"front to rear report" esibit, ghalkemm hemm qbil dwar il-posizzjoni tal-vetturi, l-attrici tghid li l-vlegeg fuq ir-rapport ma sarux quddiemha u saru wara li hi kienet ffirmat l-imsemmi rapport. Il-konvenut da parti tieghu qed jghid li dawn saru qabel ma gie ffirmat ir-rapport. Il-fatt li jirrizulta li l-attur ma kienx qed jirriversja meta sehh l-incident, jikkonvinci lit-Tribunal li fil-fatt l-attrici ma kienetx ser taccetta versjoni tar-rapport bil-vlegeg indikati.**

**6. Jigi rilevat inoltre illi l-attur kellu l-hsara fil-vettura tieghu fuq wara u fuq il-genb ta' wara, fuq in-naha tal-passiggier, ossija fuq ix-xellug. Tenut kont tal-vettura ta' l-atturi, d-daqqa kienet wahda ta' certa entita` kif jidher mir-ritratt Dok. DM esibit, u kellu hsara fuq il-bonnett ta' wara, u fil-magna.**

**7. Joseph Zammit, is-surveyor, fir-rapport tieghu jikkonferma li l-hsara kienet konsiderevoli, u ntlaqtet il-pompa ta' l-ilma. Is-surveyor jindika s-segwenti hsarat fil-vettura ta' l-atturi:**

**i. il-bumper ta' wara;**
**ii. ir-rear panel;**
**iii. tail lamp tan-naha tax-xellug;**
**iv. il-mudguard ta' wara tax-xellug;**
**v. spotlight ta' taht tan-naha tax-xellug;**
**vi. bonnet lid (ghatu tal-magna);**
**vii. il-pompa ta' l-ilma tal-magna.**

**L-istess surveyor jghid:**

**"…..ghalkemm fuq partijiet mill-body taghha l-esponent sab tracci ta' sadid, il-kundizzjoni taghha**

**kienet funzjonabbli u fit-tali kundizzjoni li kellha, qabel ma garrbet il-hsara msemmija, din kellha valur ta' mitejn u sittin lira Maltija (Lm260.00).**
**Fil fehma tas-sottoskritt, din il-vettura ma jkunx vallapena li tigi irrangata u ghandha tigi meqjusa bhala li hija *beyond economical repair*. Dak li minnha baqa' shieh ghandu *wreck value* ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00).”**
**8. It-Tribunal inoltre jirrileva fattur li jikkunsidra mportanti f'dan il-kaz, ossija il-mod kif kien wieqaf l-attur. Jirrizulta li l-attur ma kienx wieqaf wisq il-boghod minn kisra, li kien wieqaf il-boghod mill-bankina cirka distanza ta' bieba, u li kien angolat meta waqaf. B'hekk kellu l-parti ta' wara tal-vettura tisporgi aktar l-barra u kienet definittivament ta' ostakolu ghat-traffiku li gej minn wara.**
**9. Ghalhekk it-Tribunal qed isib liz-zewg sewwieqa responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh. Il-konvenut in kwantu ma uzax id-debita diligenza meta qed jiehu liwja, b'tali mod li meta gie konfrontat bil-vettura ta' l-attur tisporgi l-barra, u meta din kienet vizibbli ghalih, ma kellux il-karrozza sufficentement taht il-kontroll tieghu sabiex jevita il-kollizzjoni li eventwalment sehhet. L-attur kien responsabbli in kwantu meta waqaf, ma waqafx sew, anzi mhux talli ma waqafx mal-bankina, izda kien angolat u dan ikkontribwixxa hafna sabiex isehh l-incident.**
**10.Bhala danni t-Tribunal qed jaccetta dak li qal is-surveyor, kif fuq inghad, u ghalhekk wara li jigi mnaqqas ir-“wreck value” tal-vettura, jigi li l-atturi sofrew danni f'ammont ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210.00). Ghalhekk in vista tal-kontributorjeta`, jigi li l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi s-somma ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00) bhala danni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib liz-zewg sewwieqa responsabbli fi grad ugwali ghall-kollizzjoni li sehhet, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum sal-hlas effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------